Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,961, 18 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 289 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate in Environmental Education and Interpretation taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Edukazzjoni u Riċerka Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin miċ-Ċentru għall-Edukazzjoni u Riċerka Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont skont l-artikolu 9 (b) (v) tal-Istatut għaċ-Ċentru, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u L-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate in Environmental Education and Intepretation taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Edukazzjoni u Riċerka Ambjentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għal Kors;

"is-Certificate" tfisser is-Certificate in Environmental Education and Intepretation;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għas-Certificate in Environmental Education and Intepretation; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom:

jew (a) jissodissfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul;

jew

(b) ikollhom kwalifika f'qasam ta' edukazzjoni ambjentali/sostenibbiltà, li tinkludi mhux inqas minn 120 ECVET krettu jew ekwivalenti, u kklassifikat fil-Livell 4 fuq il-Qafas Malti tal-Kwalifiki, kif ukoll għaddew mill-Eżami taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-Grad 5 jew aħjar fil-Lingwa Ingliża, il-Malti u l-Matematika.

(2) L-applikanti jistgħu jidħlu wkoll bħala Studenti Adulti taħt il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul. Dawn l-applikanti għandu jkollhom dawk il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li jissodissfaw lill-bord tal-intervisti, permezz ta' intervista, li jkunu laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. Dawn l-applikanti jkunu meħtieġa jissottomettu mal-applikazzjoni tagħhom ittra miktuba bl-Ingliż fejn jagħtu l-motivazzjoni tagħhom biex jidħlu fil-Kors flimkien ma' kopja tal-*Curriculum Vitae* (C.V.) tagħhom.

(3) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament għandhom ikunu għaddew fit-test ta' profiċjenza tal-lingwa Ingliża kif approvat mill-Università qabel ma jidħlu fil-Kors, sakemm li l-applikanti li għandhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-Lingwa Ingliża fil-Grad 3 jew ogħla jew ikunu għaddew fl-istess livell fi kwalifika komparabbli, għandhom ikunu eżentati minn dan ir-rekwiżit.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord tal-Istudji għandu jkun magħmul minn tlett membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' żewġ semestri ta' studju *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. Il-Kors jikkonsisti minn numru ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 32 krettu ECTS.

6. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord tal-Istudji jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti huma meħtieġa li jsegwu t-taqsimiet studju u

jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Kors.

7. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux inqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Ir-Riżultat tal-Għotja

8. (1) Iċ-Ċertifikat għandu jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha kif indikat fl-ordinament 5.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetika.